**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 96/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Bezzina**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Mario Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 473874(M), akkużat fuq talba ta' l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Struttorja talli fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala klijent li għalih qiegħed isir ix-xogħol u Project Supervisor fis-sit tal-kostruzzjoni sitwar f'35, 37, Triq Salvu Barbara, Mosta, nhar is-17 ta' Ġunju 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, naqas milli jieħu l-mizuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, billi naqas milli jieħu mizuri xierqa u suffiċjenti sabiex jipprevjeni waqgħat mill-għoli u dan ai termini ta' Art. 6 ta' A.L. 88/2018.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u konsegwentement illiberatu mill-istess.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex (a) tbiddel, jew (b) tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tgħaddi sabiex issib l-appellat ħati skond il-liġi tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tinfliġġi fuqu l-piena idonea skond il-liġi.

Rat l-aggravji sollevati mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddeċidiet li d-data li fiha l-appellat allegatament ikkommetta r-reat addebitat lilu ma tinkwadrax ruħha fiċ-ċitazzjoni odjerna. L-Avukat Ġenerali jkompli billi jgħid li anke jekk hemm dubbju dwar id-data in kwistjoni, il-kliem taċ-ċitazzjoni "**u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel**" ċertament li jkopru d-data li fiha ġie kommess ir-reat *de quo*.

Illi l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu ifassal ir-rekwiżiti li l-Liġi trid li jkun fiha ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti fil-bidu tal-proċediment penali stitwit kontra tiegħu -

> **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex inhu akkużat b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smigħ bid-difiza u bil-provi tiegħu *in difesa*, sabiex l-istess kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel ġurnata tas-smigħ. Issa in-nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u dana għaliex il-Liġi tippermetti wkoll li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il- korrezzjoni. Hekk intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" deċiża nhar il-5 ta' Awwissu 2003 -

> **Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun...**

Illi, f'sentenza oħra mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg" fil-25 ta' Lulju 1994, intqal hekk –

> **L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**
>
> ***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'*** **(ara sentenza citata, pagna 761).**

Illi, dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni tkun giet eżawrita. Pero', l-istess ma jistax jingħad meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok

u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni tal-istess ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispecie tal-kawża in kwistjoni.

Illi, għalhekk, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire* u l-Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu hekk sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li d-diċitura tal-imputazzjoni m'għandhiex tirrifletti l-fattispecie tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Illi, minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni jirriżulta illi l-appellant huwa mixli li kkometta r-reat lilu addebitat nhar is-17 ta' Ġunju 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur **<u>ta' qabel,</u>** sabiex b'hekk il-parametri ta'l-azzjoni huma ben definiti. Illi mid-dokumenti eżebiti in atti u senjatament mid-Dokument CF3[1] jirriżulta illi l-i*Stop Order* maħruġ mill-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, li ta l-bidu għal dawn il-proċeduri, iġib id-data tas-17 ta' Ġunju 2020. F'dan id-dokument hemm indikat illi saret spezzjoni fis-sit 37, 38 Triq Salvu Barbara, il-Mosta fil-jum ta' qabel u ċioe' fis-16 ta' Ġunju 2020 fejn kienu riskontrati diversi nuqqasijiet fuq is-sit b'mod ewlieni dawk ta' periklu ta' waqat mill-għoli. Fis-17 ta' Ġunju 2020 għalhekk l-appellat kien ordnat jieqaf mix-xogħolijiet sakemm isir ix-xogħol rimedjali, liema xogħol jidher li fil-fatt sar f'qasir żmien. Illi allura f'dan il-kwadru probatorji u minn daqqa t'għajn lejn id-Dokument CF3 il-Qorti ma tistax tara kif l-Ewwel Qorti waslet għal konkluzjoni illi ir-reat ma seħħx fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni. Dan għaliex l-i*Stop Order* kif ingħad ħareġ fis-17 ta' Ġunju 2020, l-ispezzjoni saret fis-16 ta' Ġunju 2020 u allura meta iċ-ċitazzjoni tindika d-data tas-**<u>17 ta' Ġunju 2020 matul il-ġurnata .... ta' qabel</u>** żgur u mhux forsi illi dak lamentat mill-Avukat Ġenerali huwa fondat billi il-provi jittalljaw perfettament ma'l-indikazzjoni taż-żmien li hemm fiċ-ċitazzjoni. Lanqas ma tista' l-Qorti tara kif l-Ewwel Qorti ikkonkludiet fis-sentenza appellata illi sas-17 ta' Ġunju ix-xogħolijiet rimedjali kienu saru mill-appellat u dan meta mid-dokumenti eżebiti in atti jirriżulta illi l-i*Stop Order*

[1] Fol.29 tal-atti

tneħħa mill-Awtorita' fit-22 ta' Ġunju 2020, billi l-appellant kien sa dak in-nhar, u ċioe' jiem wara, ottempera ruħu ma' dak indikat lilu biex jagħmel fl-imsemmi Ordni.

Illi allura l-aggravju ta'l-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment u dan għaliex il-kwalifika bil-kliem "**ta qabel**" għaż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni jirreferi kemm għal kelma "**il-ġurnata**", kif ukoll għal kelma "**il-ġimgħat**" u ukoll dik tal-kelma "**xhur**". Illi bl-indikazzjoni ta' żmien indikat f'dan l-avviż, l-appellat ċertament seta' ikun jaf b'liema reat huwa kien qed ikun mixli u għal liema att vjolattiv huwa kien qed jiġi imsejjaħ biex iwieġeb sabiex ikun jista' iħejji id-difiża tiegħu. Mhux biss iżda anke il-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni jinkwadraw ruħhom f'dan iż-żmien temporali hemmhekk indikat u allura l-appellat ma jistax jargumenta illi huwa qed jiġi mixli b'xi att vjolattiv li seħħ f'xi żmien ieħor u mhux f'dak iż-żmien li jemerġi mill-provi.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-appellat mid-dritt għad-*doppio esame* fir-rigward tal-mertu li baqa' mhux deċiż, tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tas-smigħ tal-każ fil-mertu.

**Edwina Grima**

**Imħallef**